

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 611/2012

tad-9 ta' Lulju 2012

**li jemenda l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank**

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kulur tal-mudell tal-liċenzja Komunitarja huwa ddefinit bħala "Kulur Pantone light blue (ikħal ċar)" fl-Anness II għar-Regolament (KE) 1073/2009.
- (2) Jeħtieġ li jiġi speċifikat il-kulur b'mod aktar preċiż sabiex tiġi inkoraġġita l-omoġeneità u l-interpetazzjoni u applikazzjoni uniformi tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009.

- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*Fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, fir-raba' linja, is-sentenza "Kulur Pantone ikħal ċar, format DIN A4 karta ċellulosa, 100 g/m<sup>2</sup> jew aktar" tinbidel b'dan li ġej:"Kulur Pantone light blue (ċelesti) 290, jew kemm jista' jkun viċin ta' dan il-kulur, format DIN A4 karta ċelluloża 100 g/m<sup>2</sup> jew aktar".*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Lulju 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

---

<sup>(1)</sup> ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88.